MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 596/2004

Il-Pulizija
Spettur Bernard Zarb
vs
Daniel Caruana

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar fl-4 ta' Lulju, 2004 u fil-granet ta' qabel fil-Floriana, fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' DVDs, CDs, Playstation DVDs etc, u dan bi ksur ta' artikolu 298 (1) (f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca, jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh, jew biex jitqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' DVDs, CDs, Playstation DVDs, etc bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta Patrick J Galea Advocates rappresentata minn Dr Patrick J Galea LL.D. et hija rappresentanti, protetti bil-jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-piena stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Daniel Caruana ghall-hlas ta' spejjez li jkollha x'jaqmu mal-hatra ta esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana waqt is-seduta tas-7 ta' Frar, 2006 meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390 (1), u 392 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni u taghtu zmien xieraq sabiex jerga jikkunsidra l-posizzjoni tieghu u ghalhekk ipposponiet il-kawza.

Meta regghet issejjhet il-kawza rega' deher l-imputat u baqa' ittenni li ried jirregistra ammissjoni.

Ghalhekk, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, l-Qorti issibu <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li rat l-

Artikoli 298 (1) (f) u 298 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni kollha, irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu u b'hekk evita li issir il-kumpilazzjoni, kif ukoll il-fatt illi illum il-gurnata l-imputat ghandu impjieg fiss, liema impjieg ma ghandu x'jaqsam xejn ma bejgh ta' DVDs jew CDs. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx addegwata ghal dak illi gara u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u d-distruzzjoni taghhom taht id-direzzjoni tar-Registratur, Qrati Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------